MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 181/2008

**Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1033/08 fl-ismijiet:-**

**BOV plc**

**Vs**

**Valerie Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Valerie Cutajar wara li ppremettiet illi hija tahdem ma' Sterling Jewellers u tippercepixxi salarju ta' circa disa mija u tletin ewro (930) ekwivalenti ghal erba mitt lira Maltin;

Illi kif inhi l-konswetudini odjerna l-paga taghha tigi depozitata direttament il-bank HSBC Bank (Malta) Ltd fil-fergha ta' Bugibba;

Illi dawn il-flejjes kollha qed jigu milquta mis-sekwestru fl-ismijiet premessi u konsegwentement qed tithalla minghajr centezmu;

Illi skond il-ligi l-ewwel tliet mitt lira Maltin (Lm300) tal-paga ma jistghux jitmessu.

L-esponent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtrozzaha tirtira is-salarju taghha u dan that dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' l-istess socjeta' intimata (fol 6 u fol 7 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi, l-ewwelnett u qabel kollox ghandu jigi precizat illi huwa korrett il-bank sekwestratarju HSBC Bank Malta p.l.c. illi jissekwestra tali somma ta' flus stante illi, salv prova kuntrarja, il-flus li jigu depozitati fi kwalsiasi kont bankarju, provenjenti minn liema sors ikunu, huma sekwestrabbli u in fatti tali depozitu jithawwad mal-flejjes l-ohra li jkun hemm fl-imsemmi kont b'mod u manjiera illi l-imsemmi bank sekwestratarju la jkun jista u lanqas ghandu jiddetermina illi xi parti mid-depozitu mizmum f'isem is-sekwestrata m'huwiex sekwestrabbli. Jigi umilment sottomess illi jkun ferm perikoluz illi bank sekwestratarju, taht il-pretest supppost ta' "salarji" jithalla liberament jirrilaxxa hwejjeg lis-sekwestrati u jiddeciedi l-istess bank sekwestratarju liema mis-sommom depozitati mieghu huma verament provenjenti minn salarju u liema huma le. Dan oltre l-fatt illi l-Ligi ma tghid xejn minn dan; anzi il-Ligi hija tassattiva illi kollox huwa sekwestrabbli salv dak illi tipprovdi espressament il-Ligi fl-Artikolu 381 u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, liema eccezzjonijiet huma ta' interpretazzjoni ristretta "*exceptiones sunt stritissimae interpretations*".

2. Illi, naturalment kienet l-ghazla unika u esklussiva tal-istess rikorrenti sekwestrata illi ghazlet li tiddepozita flus fil-bank anke <u>jekk</u> dawn kienu provenjenti *inparte* jew *in toto* mis-salarju taghha u jigi umilment sottomess illi gialadarba dawk il-flus jigu hekk depozitati f'kont bankarju jitilfu n-natura ta' "salarju" u ghalhekk ma tkunx ghalihom

aktar applikabbli l-ezerzjoni imsemmija fis-subincis 1 tal-Artiklu 382. Dan is-subincis ma japplikax ghall-kwalsiasi somma ta' flus depozitata f'xi kont mas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. gialadarba l-istess rikorrenti sekwestrata *ex admissis* tiddikjara illi hija m'hijiex impjegata mal-istess socjeta' bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. u ghalhekk il-flus fil-kont m'ghandhomx in-natura ta' "salarju" moghti mill-imsemmija socjeta' bankarja.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kif imsemmi fl-istess rikors, l-Artikolu 382(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet jistipula illi l-Mandat ta' Sekwestru jghodd fuq dik il-parti li teccedi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) u ghalhekk, anke kieku kien applikabbli l-Artikolu 382(1) tal-Kap. 12 ghall-kont bankarju id-differenza bejn din il-figura u s-somma ta' disa' mija u tletin Ewro (€930) circa fix-xahar hija sekwestrabbli. Ergo it-talba kif intentata mir-rikorrenti sabiex tigi awtorizzata 'tirtira is-salarju taghha" jigi umilment sottomess illi hija inammissibbli, stante illi dan is-salarju jeccedi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) illi l-Ligi tipprovdi illi m'hijiex sekwestrabbli mis-salarju, dejjem jekk Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha tqies illi flus depozitati ma' bank huma "salarju" fit-terminu tal-Artikolu 381 u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jigi umilment sottomess illi f'dawn ic-cirkostanzi huma ferm aktar indikat illi r-rikorrenti minflok tirrikorri ghal tali mizuri u tonfoq iktar spejjez gudizzjarji tara kif ser tissalda id-debitu minnha dovut lir-rikorrenti minflok ma tfittex modi kif proprju taghmel l-oppost u dan ghaliex tali triq ma twassallha imkien ghajr illi per necessita tinvolviha f'aktar spejjez u drittijiet gudizzjarji inutilment. Jigi umilment rilevat infatti li l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi hareg in ezekuzzjoni ta' titolu Ezekuttiv u mhux biss bhala att kawtelatorju.

Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment tissottometti illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda *in toto* jew *in parte*, kollox kif joghgobha Tordna u Tipprovi Din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti in esami jigi notat illi, permezz ta'ittra ufficjali debitament mahlufa presentata mill-Bank intimat fl-20 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti, a bazi tal-artikolu 166A u B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet giet interpellata sabiex thallas €917.61 ghar-ragunijiet hemm premessi (ara fol 12 tal-istess atti).

Illi kif jidher a fol 14 ibid, din l-ittra ufficjali giet debitament notifikata lir-rikorrenti fit-22 ta' Novembru 2006 u l-istess rikorrenti ma ghamlet l-ebda twegiba in opposizzjoni. Konsegwentement l-istess ittra ufficjali giet resa' ezekuttiva skond l-istess artikoli citati u l-Bank intimat ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru li jinsab anness a fol 11 et seq ibid. Fost is-sekwestratjarji hemm indikat Bank iehor lokali u ma' dan, ir-rikorrenti ghandha, kont bankarju li fih jigi depostat direttament is-salarju li l-istess rikorrenti tippercepixxi mill-impjieg taghha. Bhala konsegwenza tal-mandat imsemmi malli dan is-salarju jigi depostat f'dan il-kont, sar soggett ghall-istess mandat.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti tikkontendi li dak li gie premess, jmur kontra dak li jinghad fl-artikolu 381 u 382 tal-istess Kodici citat. L-istess artikoli jghidu espressament illi ma jistax jinhareg mandat ta' sekwestru fuq "salarju jew paga …" hlief in rigward l-eccess fl-istess paga jew salarju oltre Lm300 ossija €698.81 fix-xahar. Dan jigifieri illi s-sitwazzjoni hi cara dwar il-projbizzjoni ta' hrug ta' mandat bhal dak in esami. Pero dan il-kaz trattasi ta' mandat mahrug mhux f'idejn minn qed ihaddem ir-rikorrenti, bhala sekwestratarju izda f'idejn Bank lokali vis-à-vis kont bankarju li l-istess rikorrenti tippossjedi u li fih is-salarju jew paga taghha jigi kreditat meta jkun dovut.

Illi, meta dan jigri, jidher li l-istess salarju ossija paga ma' jibqax tali izda jifforma parti, mill-mument tad-depositu tal-assi mobili in generali tal-istess impjegat.

Illi, konsegwentament, minn dan il-mument, flimkien ma flejjes ohra li jigu depositati fl-istess kont dak kollu li hemm fih ikun soggett, skond l-ligi ghal mandat ta' sekwestru.

Illi, minhabba dak premess, jidher li din il-Qorti ma' tistax taghti r-rimedju mitlub fir-rikors in esami billi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirtira mill-kont taghha s-somma ta' €698.81 kull xahar kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba in esami bl-ispejjes ta' din il-procedura, fic-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------